**Nru. 446**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

**Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 549)**

*Stima Ambjentali Strateġika tal-Programm ta' Miżuri Żviluppat Skont id-Direttiva 2008/56/KE li Tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-Qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin*

SKONT Artiklu 4(7) tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika (Avviż Legali 497 tal-2010, S.L. 549.61), l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tgħarraf illi l-*iScreening Template* tal-Istima Ambjentali Strateġika għall-Programm ta' Miżuri żviluppat skont id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin ġiet mimlija sabiex turi jekk hemmx ħtieġa li ssir Stima Ambjentali Strateġika. Skont din l-*iScreening Template* dan il-Programm ta' Miżuri m'għandux bżonn ta' Stima Ambjentali Strateġika. L-*iScreening Template* tal-Istima Ambjentali Strateġika tinsab fuq is-sit elettroniku (http://era.org.mt/en/Pages/MSFD-Programme-of-Measures.aspx).

It-28 ta' April, 2017

**No. 446**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Environment Protection Act (Cap. 549)**

*Strategic Environmental Assessment for the Programme of Measures Established Pursuant to the EU Marine Strategy Framework Directive 2008/56/EC*

IN terms of Regulation 4(7) of the Strategic Environmental Assessment Regulations (Legal Notice 497 of 2010; S.L. 549.61), the Environment and Resources Authority notifies that the Strategic Environmental Assessment (SEA) Screening Template for the Programme of Measures developed pursuant to the EU Marine Strategy Framework Directive 2008/56/EC has been completed in order to assess whether this Programme requires the preparation of an SEA. In accordance with the SEA Screening Template, this Programme of Measures does not require an SEA. The SEA Screening Template can be found on the following website (http://era.org.mt/en/Pages/MSFD-Programme-of-Measures.aspx).

28th April, 2017

**Nru. 447**

**AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

**Parti minn Triq San Patrizju, Ir-Rabat, Malta**
**Parti minn Triq Ċensu Farruġia, L-Imsida**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu erbatax (14) tal-Avviż Legali Nru. 29 tal-2010, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq San Patrizju, Ir-Rabat, Malta (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3632).

Parti minn Triq Ċensu Farruġia, L-Imsida (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3633).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

It-28 ta' April, 2017

**No. 447**

**AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA**

**Part of Triq San Patrizju, Rabat, Malta**
**Part of Triq Ċensu Farruġia, Msida**

IN virtue of Article fourteen (14) of Legal Notice No. 29 of 2010, the Authority for Transport in Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Part of Triq San Patrizju, Rabat, Malta (indicated on the site plan on page 3632).

Part of Triq Ċensu Farruġia, Msida (indicated on the site plan on page 3633).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Authority for Transport in Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

28th April, 2017